



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-11 ta' Diċembru 2019 – Bueno Ruiz u Zurich Insurance

(Kawża C-431/18)<sup>1</sup>

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur – Direttiva 2009/103/KE – L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 – Kunċett ta' 'użu ta' vetturi bil-mutur' – F'ruġ ta' żejt u ta' likwidi oħrajn minn vettura bil-mutur – Danni”

*Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur – Direttiva 2009/103 – Kunċett ta' użu ta' vetturi bil-mutur – Użu ta' vettura bil-mutur konformement mal-funzjoni tagħha bħala mezz ta' trasport – Aċċident li seħħ f'parkeġġ privat wara l-formazzjoni ta' għadira żgħira ta' żejt li seħħet essenzjalment matul il-manuvri mwettqa minn vettura pparkjata f'dan il-parkeġġ – Inklużjoni*

*(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2009/103, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3)*

*(ara l-punti 35-45, 48 u d-dispożittiv)*

#### Dispożittiv

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, għandu jiġi interpretat fis-sens li tidħol fil-kunċett ta' “użu ta' vetturi bil-mutur”, imsemmi f'din id-dispożizzjoni, sitwazzjoni li fiha vettura li wettqet manuvri u/jew li kienet ġiet ipparkjata f'dan il-parkeġġ, konformement mal-funzjoni tagħha bħala mezz ta' trasport, tkun involuta f'inċident li seħħ f'dan il-parkeġġ.

<sup>1</sup> ĠU C 373, 15.10.2018.